

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-31 ta' Marzu 2011

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ tal-1995

(2011/224/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

Il-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ tal-1995, li ġiet konklużi fisem il-Komunità mill-Kunsill permezz tad-Deċizzjoni 96/88/KE ⁽¹⁾ ġiet estiża b'mod regolari għal perjodi suċċessivi ta' sentejn. L-aħħar darba li l-Konvenzjoni kienet estiża permezz ta' deċizzjoni tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ tat-8 ta' Ġunju 2009 u hija se tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2011. Huwa fl-interess tal-Unjoni li din terġa' tiġi estiża. Il-Kummissjoni, li tirrappreżenta lill-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ, għandha għalhekk tiġi awtorizzata tivvota favur tali estensjoni,

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ hija li tivvota favur l-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar in-Negozju taż-Żrieragħ tal-1995 għal perjodu ieħor ta' mhux aktar minn sentejn.

Il-Kummissjoni b'dan hija awtorizzata tesprimi din il-pożizzjoni fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali taż-Żrieragħ.

Artikolu 2

Din id-Deċizzjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Marzu 2011.

Għall-Kunsill

Il-President

VÖLNER P.

⁽¹⁾ ĠU L 21, 27.1.1996, p. 6.